

Rikors ippreżentat fit-30 ta' Marzu 2009 — B Antonio Basile 1952 u I Marchi Italiani vs UASI — Osra (B Antonio Basile 1952)

(Kawża T-134/09)

(2009/C 141/100)

Lingwa tar-rikors: It-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: B Antonio Basile 1952 (Giugliano, l-Italja) u I Marchi Italiani (Napoli, l-Italja) (rappreżentant: G. Militerni, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Osra SA (Rovereta, l-Italja)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tad-9 ta' Jannar 2009, innotifikata lir-rikorrenti fit-30 ta' Jannar 2009 fil-każ R 1436/2007-2, bejn Antonio Basile bħala kumpannija individwali "B Antonio Basile 1952" u Osra S.A., li tikkonferma d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni, li tilqa' r-revoka u d-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark "B Antonio Basile 1952", wara r-rikors ippreżentat minn Osra S.A.

— tiddikjara l-validità u l-effikaċja tat-trade mark "B Antonio Basile 1952" mid-data tal-preżentata tal-applikazzjoni u/jew reġistrazzjoni tal-imsemmija trade mark.

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż kollha skont il-liġi.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja reġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: Trade mark figurattiva bil-kliem "B. Antonio Basile 1952" (applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 1,462,555) għall-prodotti fil-klassijiet 14, 18, u 25.

Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: Ir-rikorrenti

Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja: Osra S.A.

Dritt tat-trade mark tal-parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità: Trade mark verbali "BASILE" (trade mark Taljana Nru 287,030, u trade mark internazzjonali Nru R 413,396 B), għall-prodotti fil-klassi 25.

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: Dikjarazzjoni ta' invalidità parzjali tat-trade mark inkwistjoni rigward il-prodotti fil-klassi 25.

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Ċaħad l-appell.

Motivi invokati: Il-motivi invokati f'din il-kawża huma identiċi għal dawk tal-kawża T-133/09.

Rikors ippreżentat fis-7 ta' April 2009 — Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

(Kawża T-135/09)

(2009/C 141/101)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Nexans France SAS u Nexans SA (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: M. Powell, solicitor u J.-P. Tran Thiet, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Jannar 2009 — Każ COMP/39610 — Surge;

— tiddikjara illegali d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiegħu erba' DVD-ROMs u kopja tal-hard disk kollu mil-laptop ta' impjegat ta' Nexans France sabiex teżaminhom iktar fil-bini tagħha f'Brussell;

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tinterroga impjegat ta' Nexans France fit-30 ta' Jannar 2009;

— tordna lill-Kummissjoni tagħti lura lil Nexans France id-dokumenti u l-provi kollha li hija setgħet kisbet permezz tad-deċiżjonijiet annullati, inklużi u mingħajr limitazzjoni: (a) id-dokumenti li ma jaqgħux eżattament fl-ambitu tal-istħarriġ; (b) id-dokumenti li jirrigwardaw proġetti ta' kejbils tal-elettriku barra miż-Żona Ekonomika Ewropea; (ċ) id-dokumenti meħuda b'mod irregolari mill-hard disk u mid-DVD-ROMs; u (d) id-dikjarazzjonijiet stabbiliti waqt jew ibbażati fuq l-interrogazzjonijiet tal-impjegat ta' Nexans France;

— tordna lill-Kummissjoni sabiex tastjeni milli tuża kull dokument jew prova li hija setgħet kisbet permezz tad-deċiżjonijiet annullati għall-finijiet ta' proċeduri dwar ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni Komunitarji;

— tordna lill-Kummissjoni sabiex tastjeni milli tibgħat tali dokumenti jew provi (jew konklużjonijiet jew informazzjoni bbażata fuqhom) lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni f'għurisidzjonijiet oħra;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż;

— tordna kwalunkwe miżura oħra jew addizzjonali, għuridika-ment meħtieġa.

Motivi u argumenti prinċipali

Fil-kawża preżenti, ir-rikorrenti jitolbu l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 92/1 tad-9 ta' Jannar 2009 li tordna lil Nexans SA u lill-impriżi direttament jew indirettament ikkontrollati minnha, inkluża Nexans France SAS, sabiex jissuġġettaw ruħhom għal spezzjoni skont l-Artikolu 20(4) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003 ⁽¹⁾ (Każ COMP/39610-Surge) kif ukoll il-mod kif din ġiet implementata.